# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 568/2009 SM**

**George Falzon (I.D. 560057 (M) u**
**martu Rosaria Falzon (I.D. 143458 (M)**

**vs.**

**Raymond Buttigieg (I.D. 443070 (M)**
**kif korrett bid-digriet datat it-28 ta'**
**Gunju, 2012 u Joseph Buttigieg**
**(I.D. 312173 (M) u martu Lorenza**
***sive* Lorraine Buttigieg (I.D. 234175 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti George Falzon sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi akkwistaw il-fond “St Joseph”, Triq Sant Antnin, Haz-Zabbar, inkluz garaxx, tramite l-procedura tas-subbasta, ghall-prezz ta’ mitejn u sebghat elef euro, (€207,000.00);

1.2. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti giet depozitata fir-registru tal-qorti, inkluz ukoll l-ispejjez involuti, (ara foll 6 sa 12);

1.3. Illi s-subbasta in dizamina saret wara l-kawza fl-ismijiet Paul Buttigieg et vs. Angelo Buttigieg et. (Citazzjoni Numru 1177/2002, deciza fis-7 ta’ Novembru, 2006, (ara foll 13 *et sequitur*);

1.4. Illi l-istess sentenza fuq indikata ordnat il-bejgh tal-proprjeta` mertu tal-procedura odjerna permezz ta’ licitazzjni, (ara foll 25 u 26);

1.5. Illi l-fond in dizamina hu okkupat mill-intimati b’mod abbuziv u minghajr titolu, (ara foll 36);

1.6. Illi r-rikorrenti jixtiequ jizgumbraw lill-intimati mill-fond *de quo*, u ghalkemm interpellati f’dan is-sens, baqghu inadempjenti;

1.7. Illi jezistu l-elementi indikati fl-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dispensa tas-smigh *stante* li l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet x’iressqu fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 37);

1.8. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex din, ghar-ragunijiet premessi:

1.8.1. Tiddeciedi l-procedura in dizamina bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.8.2. Tiddikjara li l-intimati qeghdin jokkupaw abbuzivament u minghajr ebda titolu, validu fil-ligi, il-garaxx “St Joseph”, Triq Sant’ Antnin, Haz-Zabbar;

1.8.3. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond fuq indikat, u dan, fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-qorti;

1.8.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat in-nota datata t-30 ta' Gunju, 2009, fejn ghar-raguni hemm indikati, l-imhallef hemm indikat astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-process, (ara foll 44);

3. Rat in-nota datata l-1 ta' Lulju, 2009, li permezz taghha il-kawza odjerna giet assenjata lill-istess qorti kif hemm preseduta, (ara foll 46);

4. Rat id-digriet datat l-14 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu l-qorti kif hemm preseduta, wara li rat li l-intimati kellhom risposti x'jipprezentaw ghat-talbiet tar-rikorrenti, akkordat it-terminu hemm indikat biex l-intimati jkunu jistghu jipprezentaw ir-risposti taghhom ghall-istess, (ara foll 53);

5.0. Rat ir-risposti guramentati datati l-24 ta' Lulju, 2009 u l-31 ta' Lulju, 2009, rispettivament, li permezz taghhom l-intimati sintetikament irrispondew b'mod identiku bil-mod segwenti: (ara foll 54 u 86);

5.1. Illi l-qorti odjerna hi inkompetenti *ratione materiae stante* li l-forum kompetenti ghandu jkun il-Bord li Jirregola l-Kera;

5.2. Illi dan ghaliex l-intimati Raymond u Joseph Buttigieg ghandhom titolu ta' kera validu fil-ligi fuq il-garaxx meritu tal-procedura odjerna;

5.3. Illi l-istess kirja ilha ezistenti favur l-intimati imsemmija fil-paragrafu precedenti sa mill-1991;

5.4. Illi in vista tal-imsemmija kirja, l-imsemmija intimati baqghu juzaw l-istess garaxx sal-lum;

5.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.6. Illi s-sentenza riferita mir-rikorrenti taghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet indikati fiha u ma taghmilx stat fil-konfront tal-intimati odjerni;

5.7. Illi d-dikjarazzjoni ipprezentata mir-rikorrenti, (ara foll 36), ma taghmel l-ebda sens legali;

5.8. Illi l-istess persuna li ghamlet id-dikjarazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti kienet konsapevoli bil-kirja tal-intimati, (ara foll 59);

5.9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament tal-intimati mill-fond in dizamina hi ghalhekk, infondata;

5.10. Salv risposti ulterjuri;

6. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-intimat Joseph Buttigieg ipprezenta wkoll dikjarazzjoni guramentata datata l-31 ta' Lulju, 2009, liema dikjarazzjoni ma' zzid l-ebda valur ghar-risposta fuq indikata, (ara foll 88);

7. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tar-rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzaw lill-istess biex il-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 149);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata s-16 ta' Marzu, 2012, (ara foll 158), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata z-19 t'April, 2012, (ara foll 169);

9. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri fit-termini hemm indikati, (ara foll 185);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-intimati datata l-14 ta' Novembru, 2012, (ara foll 186), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata l-14 ta' Dicembru, 2012, (ara foll 190);

11. Rat is-sentenza preliminari datata d-29 ta' Mejju, 2013, (ara foll 197);

12. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, wara r-rikors appozitu datat l-4 ta' Gunju, 2013, awtorizzat lill-istess biex jappellaw mis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 206);

13.0 Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata t-28 ta' Marzu, 2014, (ara foll 219), li:

13.1. Wara li cahdet l-appell;

13.2. Ikkonfermat is-sentenza appellata;

13.3. Baghtet l-atti lura lill-qorti odjerna biex tkompli tisma` u tiddeciedi l-kawza;

14. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-procedura odjerna b'mod finali, bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 319);

15. Rat il-verbal datat l-4 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu gie rilevat li l-process in dizamina kien jinsab mitluf, (ara foll 328);

16. Rat il-verbal datat id-9 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu gie determinat li l-abbli rapprezentanti legali involuti rrikostruwew il-process bl-ahjar mod possibli ghalkemm jaqblu li hemm xi dokumenti mhux importanti ghall-mertu, illi baqghu ma nstabux, (ara foll 332);

17. Rat ukoll id-digriet taghha li wkoll igib id-data tad-9 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu, fid-dawl tan-nuqqas t'opposizzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess sad-data hemm indikata, (ara foll 332);

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fuq riferita datata s-26 t'April, 2016, (ara foll 333);

19. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*, u x-xhieda precedentement mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

20. Semghet ix-xhieda prodotta;

21. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

22.0 Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

22.1. Illi r-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-garaxx indikat qabel, (ara paragrafi wiehed punt wiehed, (1.1.), u wiehed punt tmienja punt tnejn, (1.8.2), aktar qabel), mizmum mill-intimati qieghed minnhom jinzamm abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

22.2. Illi konsegwenza tal-fatt li kienu xtraw l-istess fond bis-subbasta, allura qed jitolbu li l-intimati jigu zgumbrati mill-istess;

22.3. Illi l-intimati preliminarjament eccepew l-inkompetenza "*ratione materiae*" tal-qorti odjerna, liema eccezzjoni giet:

22.3.1. Respinta b'sentenza ta' din il-qorti datata d-29 ta' Mejju, 2013, (ara foll 197);

22.3.2. Ikkonfermata b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata t-28 ta' Marzu, 2014, (ara foll 219);

23. Illi konsegwenza tal-istess decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti l-atti in dizamina gew rinvjati lill-qorti odjerna ghad-decizjoni fuq il-mertu, (ara foll 228);

Ikkunsidrat:

24. Illi jirrizulta li l-fond in mertu nxtara mir-rikorrenti permezz tal-procedura ta' licitazzjoni ghall-prezz ta' €207,000.00, wara sentenza moghtija minn din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet ***Paul Buttigieg et vs. Angelo Buttigieg et*** datata s-***7 ta' Novembru, 2006***, (ara foll 13);

25. Illi r-rikorrenti ghalhekk qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-allegazzjoni li l-intimati qed jokkupaw il-fond in dizamina minghajr ebda titolu;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi f'dan ir-rigward referenza ghall-gurisprudenza segwenti tista` titfa` dawl ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna:

26.1. ***Camilleri et vs. Mifsud et***, ***Qorti tal-Appell***, (***Sede Inferjuri)***, datata t-***12 t'Awwissu, 1994***:

> Illi l-espressjoni ***bla titolu*** "... timporta okkupazzjoni ta' fond li sa mill-bidu nett ma kienitx konsentita, okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbuzivament, bi vjolenza, b'arbitriju, jew klandestinament, liema illegalita` pperdurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza";

26.2. ***Caruana vs. Micallef***, ***Qorti tal-Appell*** (***Sede Inferjuri***), Ghawdex, datata l-***10 ta' Lulju, 2003***:

> "Huwa ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi ghall-ezami jekk detentur ta' fond ghandux titolu jew le huma l-Qrati ordinarji. Dan fis-sens li l-Qorti ghandha tistabilixxi mhux biss l-ezistenza tat-titolu, izda wkoll jekk dan it-titolu huwiex wiehed validu. Huwa biss meta l-Qorti ordinarja tistabbilixxi li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti – ***Gaetano Cauchi vs. Avukat Dr Tommaso Fenech nomine Appell, Sede Inferjuri***, ***29 ta' Settembru, 1948***; ***Vincent Camilleri nomine vs. Pio Muscat***, ***Appell Inferjuri***, ***21 ta' Jannar, 1986***;

Ikkunsidrat:

27. Illi stabbiliti l-principjji fuq delineati, ghandu ghalhekk issa jsir analizi fattwali biex jigi stabbilit jekk, u kif, l-intimati li

presentement qeghdin jokkupaw il-fond mertu tal-procedura odjerna – il-garaxx *de quo* - effettivament verament ghandhomx it-titolu minnhom vantat;

28. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi r-rikorrenti fil-fatt ma jirrikonoxxux li l-intimati jokkupaw il-garaxx in dizamina bis-sahha ta' titolu ta' kera kif vantat mill-istess intimati;

28.2. Illi in effetti, l-istess rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni kurjali li tistabbilixxi li l-intimati qed jokkupaw il-fond minghajr titolu (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

29. Illi min-naha taghhom l-intimati jipprezentaw vera kopja ta' kotba tal-kera li permezz taghhom jirrizulta abbundantement assodat li fil-fatt huma qeghdin jokkupaw il-garaxx in dizamina b'titolu lokalizju, (ara foll 69 sa 81 ghal dak li ghandu x'jaqsam l-intimat Raymond Buttigieg, u foll 91 sa 109 ghal dak li ghandu x'jaqsam l-intimat Joseph Buttigieg);

30. Illi in effetti l-istess kotba tal-kera jistabbilixxu bi kjarezza li l-intimat Raymond Buttigieg beda jhallas il-kera in dizamina mill-1 t'Ottubru, 1991, (ara foll 70 u 236), u l-intimat Joseph Buttigieg beda jhallas il-kera ghall-fond *de quo* fl-1 ta' Novembru, 1997, (ara foll 105 u 265);

31. Illi sussegwentement ic-cedoli pprezentati *in atti* mill-31 t'Ottubru, 2000 'l quddiem l-istess intimati kienu kostretti jiddepozitaw l-istess kera fir-registru tal-Qorti, (ara foll 236 u 237 sa 265 ghal dak li jirrigwarda l-intimat Raymond Buttigieg, u foll 265 u 266 sa 303 ghal dak li jirrigwarda lill-intimat Joseph Buttigieg);

32. Illi *di piu`*, fis-sentenza fl-ismijiet ***Paul Buttigieg vs. Raymond Buttigieg*** datata l-***5 t'Ottubru, 1998***, (ara foll 152), il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** stabbiliet is-segwenti fuq il-garaxx hawn in dizamina:

> "Illi l-fond fejn gie kommess l-allegat spoll jikkonsisti f'*garage* li kien jappartjeni lill-konjugi Joseph u Rosa Buttigieg ... u skond ma xehdet Rosina Buttigieg ... l-istess fond kien mikri lil uliedha Joseph u Pawlu Buttigieg flimkien man-neputi Raymond Buttigieg", (ara foll 155);

33. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti, l-istess Rosina Buttigieg kienet gia` kkonfermat bil-gurament taghha li effettivament l-intimati odjerni, anke f'dak il-perjodu meta xehdet, kienu gia` qed igawdu minn titolu lokatizju fil-garaxx mertu tal-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

34. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-provi prodotti jissuffragaw il-posizzjoni kif espressa mill-intimati li effettivament huma verament ghandhom titolu ta' kera validu fil-ligi fuq il-garaxx in dizamina, u dan rizultanti kemm:

    34.1. Mill-kotba tal-kera fuq riferiti, (ara paragrafu numru disgha u ghoxrin (29.), aktar qabel); u

    34.2. Mid-deposizzjoni guramentata ta' Rosina Buttigieg kif riferita mis-sentenza a foll 155 (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32.), aktar qabel);

35. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li r-rikorrenti ma pproducew l-ebda prova li b'xi mod tikkonfuta l-provi tal-intimati li fil-fatt qed jokkupaw il-garaxx in dizamina b'dan it-titolu validu fil-ligi;

36.0. Illi fir-rigward, ir-rikorrenti pprezentaw *in atti* biss relazzjoni peritali, (ara foll 52 *et sequitur*), li fiha jirrizulta s-segwenti:

    36.1. Illi l-partijiet li pprezenzjaw fl-access mizmum mill-istess espert tekniku in dizamina tawh informazzjoni konfliggenti dwar il-garaxx in dizamina, (ara foll 31);

    36.2. Illi grupp minnhom informa lill-espert ikkoncernat li l-garaxx *de quo* mhux mikri u li min kien qed juzah kien qieghed jaghmel hekk b'mera tolleranza, (ara foll 31);

36.3. Illi fl-istess rigward grupp iehor qalu li wiehed mill-eredi kellu ktieb tal-kera u kien ihallas s-somma ta' mitt Lira Maltin, (Lm100.00), fis-sena, (ara foll 31);

37. Illi jinghad li tali riferenza f'relazzjoni peritali hi biss riflessjoni ta' informazzjoni fattwali migbura mill-istess espert u bl-ebda mod ma tista` sservi ta' sufragju konkret u kurjalment sancit ghal naha jew ohra mill-kontendenti odjerni;

Ikkunsidrat:

38. Illi *di piu`*, jirrizulta li r-rikorrenti qed jistriehu wkoll fuq dikjarazzjoni separata ta' Rosina Buttigieg, in-nanna paterna tal-intimati, datata z-19 t'Ottubru, 2000, (ara foll 36), li permezz taghha ordnat li:

> "... il-garaxx jigi vvakat u ma jintuza minn hadd. Jien irrid li hadd ma juza dan il-fond u l-affarijiet li hemm go fih jitbattlu mill-aktar fis";

39. Illi *stante* li l-intimati odjerni jirrizulta li rrifjutaw li jaderixxu mad-dikjarazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti, l-istess Rosina Buttigieg intavolat procedura appozita fil-Bord li Jirregola l-Kera, liema procedura jirrizulta li giet minnha stess ceduta permezz ta' nota ta' cessjoni appozita, (ara foll 67);

Ikkunsidrat:

40. Illi c-cessjoni indikat fil-paragrafu precedenti hi indikattiva l-fatt li l-istess Rosina Buttigieg irrikorriet ghall-proceduri fil-Bord hemm indikat proprju ghaliex anke hi stess sussegwentement irrikonoxxiet il-fatt li l-garaxx mertu anke tal-procedura odjerna kien anke f'dak l-istadju, effettivament mikri mill-intimati kif hawn qed isostnu l-istess intimati odjerni;

41. Illi *di piu`*, jirrizulta debitament assodat ukoll mill-istess rikors promotur ipprezentat mill-imsemmija Rosina Buttigieg fil-Bord *de quo* datat it-30 ta' Novembru, 2000, li bih tat bidu ghall-procedura tal-izgumbrament hemm indirizzata, li l-garaxx in dizamina:

> "... ilu jinkera ghal diversi snin lill-ulied ir-rikorrenti u cioe` Pawlu, Raymond u ulied Angelo ilkoll ahwa Buttigieg u cioe` Joseph Buttigieg u Raymond Buttigieg versu l-ammont ta' hamsin lira Maltin, (Lm50), pagabbli kull sitt xhur", (ara foll 59);

42. Illi jirrizulta ghalhekk assodat ukoll li l-garaxx in dizamina, li hu wkoll il-mertu tal-procedura odjerna, kien fil-fatt jinkera lill-intimati;

43. Illi ghandu jinghad ukoll li r-riferenza li ssir mir-rikorrenti ghas-sentenza fl-ismijiet ***Paul Buttigieg et vs Angelo Buttigieg et*** datata s-***7 ta' Novembru, 2006***, (ara foll 13 *et sequitur*), bl-ebda mod ma taghmel stat fil-konfront tal-partijiet fil-kawza odjerna *stante* li huma differenti minn xulxin;

44. Illi finalment, jinghad b'riferenza ghall-asserzjoni indirizzata fil-konfront ta' Rosina Buttigieg, li din ma kienitx taf tiffirma, (ara foll 147), li jirrizulta, kif affirmat fix-xhieda riprodotta minn bint l-istess Rosina, (ara foll 180), li din ma kienitx tara d-dokument lilha muri, senjatament dak a foll 70 (mhux 67), tal-process, u tafferma wkoll li:

> "...l-kitba hemm hekk ktibta jien. Il-kliem Rosina Buttigieg huma miktubin minni stess u dan ghaliex Rosina Buttigieg ma kienitx tista` ghax ma kienitx tara. Rosina Buttigieg kienet tkun prezenti meta jiena nikteb dan illi jidher fuq din il-fotokopja illi qed nara u kont infehma b'dak kollu li inkun qed nikteb ghaliha", (ara foll 180);

Ikkunsidrat:

45. Illi tenut kont tar-rizultanzi fuq elenkati jirrizulta assodat li effettivament l-intimati ghandhom titolu validu fil-ligi fuq il-garaxx mertu tal-kawza odjerna kif minnhom allegat mill-bidu tal-procedura odjerna, (ara foll 54 u 86 rispettivament);

Ikkunsidrat:

46. Illi sussegwentement, stabilit l-esistenza ta' dan it-titolu validu fil-ligi tal-intimati fuq il-garaxx in dizamina, tiddikjara li l-intimati

ghalhekk ghandhom dan it-titolu minnhom vantat fir rigward tal-garaxx in dizamina, u ghalhekk in linea mal-gurisprudenza fuq citata, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), din il-qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief li tiddikjara li mhix kompetenti *"ratione materiae"* biex tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz in dizamina;

47. Illi l-istess qed isir a bazi tal-artiklu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Grixti vs. Godfrey Ellul Sullivan et***, datata l-***15 ta' Dicembru, 2011***, fejn il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** rriteniet is-segwenti:

> "...il-ligi nnfisha trid li fejn ikun il-kaz, Qorti li ma tkunx wahda ta' appell ghandha minn jeddha *ex ufficio* tiddikjara li m'ghandiex kompetenza, ukoll jekk ma tkunx tqajjmet eccezzjoni quddiemha f'dan is-sens";

**DECIDE:**

48.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati ppruvaw l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata rigwardanti l-inkompetenza ta' din il-qorti *ratione materiae*, u konsegwentement:

48.1. Tilqa` dawn l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati;

48.2. Tiddikjara li rat ukoll l-artiklu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward;

48.3. Tiddikjara ghalhekk li hi inkompetenti *ratione materiae stante* li l-intimati ghandhom titolu validu fil-ligi fil-konfront tal-garaxx in dizamina;

48.4. Tiddikjara ghalhekk li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti u tar-risposti l-ohra tal-intimati;

48.5. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**